ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**L-Eżamijiet Annwali 2017**

# ID-DISA' SENA L-ISTUDJI SOĊJALI (*Ġenerali*) L-ISKEMA TAL-MARKI

## Taqsima A

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. il-kontroll soċjali | 2. komunità lokali | 3. normi | 4. l-imġiba |
| 5. solidarjetà | 6. relazzjonijiet | 7. għaqdiet | 8. r-riżors uman |
| 9. l-identità nazzjonali | 10. folklor | | |

**marka x 10 = 10 marki**

## Taqsima B

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 1. b | 2. c | 3. c | 4. a | 5. a |
| 6. c | 7. c | 8. b | 9. c | 10. b |

**marka x 10 = 10 marki**

## Taqsima C

| Mistoqsija | Marki | Tweġibiet<br>*Dawn it-tweġibiet huma biss indikattivi. Kull opinjoni oħra relevanti u valida għandha tkun aċċettata.* |
|---|---|---|
| 1 | 1,1 (2) | **Veru**. Għandna naċċettaw lil kulħadd li huwa differenti minna. |
| 2 | 1,1 (2) | **Falz**. Kulħadd huwa meqjus indaqs. |
| 3 | 1,1 (2) | **Falz.** Libertà tal-kelma tfisser li kulħadd għandu d-dritt jesprimi l-opinjoni tiegħu. |
| 4 | 1,1 (2) | **Falz.** Kontroll formali huwa dak miżmum permezz ta' regoli miktuba kif ukoll il-liġijiet. |
| 5 | 1,1 (2) | **Veru.** Il-bniedem jeħtieġlu jikkomunika ma' ħaddieħor. |
| **TOTAL** | **10** | |

## Taqsima D

| Mistoqsija | Marki | Tweġibiet<br>*Dawn it-tweġibiet huma biss indikattivi. Kull opinjoni oħra relevanti u valida għandha tkun aċċettata.* |
|---|---|---|
| 1 | 2,1,1,1 (5) | **Valuri ċiviċi** huma dawk il-prinċipji li għandu jkollu kull ċittadin bħall-valur tad-demokrazija, l-ugwaljanza, it-tolleranza, il-ġustizzja, is-solidarjetà u l-imħabba lejn pajjiżu. Dawn il-valuri huma l-pedament ta' soċjetà demokratika u għandhom jiġu mgħallma lit-tfal minn mindu jkunu żgħar. Iktar kemm iċ-ċittadini jħaddnu dawn il-valuri, iktar ikollhom sens ċiviku u dan iwassal għall-għaqda u l-istabbiltà fil-pajjiż. Il-valuri ċiviċi jnisslu sens ta' appartenenza fiċ-ċittadin. |
| 2 | 5 | Il-**proċess ta' soċjalizzazzjoni** huwa kontinwu għax matul ħajjitna niltaqgħu ma' ħafna nies u gruppi differenti li b'mod jew ieħor ser |

| | | |
|---|---|---|
| | | ikunu qed iħallu impatt fuqna. Dan il-proċess iseħħ permezz tas-soċjalizazzjoni primarja - meta t-tfal jitgħallmu l-attitudnijiet, il-valuri u l-azzjonijiet li huma xierqa bħala membri tas-soċjetà mill-familjari u l-qraba, l-aktar fl-ewwel snin tal-ħajja. Dan ikompli permezz tas-soċjalizzazzjoni sekondarja li jseħħ meta t-tfal joħorġu mill-ambitu tal-familja u jkomplu jitgħallmu aktar kif jgħixu fis-soċjetà permezz tal-ħbieb u l-mezzi ta' komunikazzjoni tal-massa, fost eżempji oħra. |
| 3 | 2,1,1,1 (5) | Għaliex l-ebda persuna mhi maħluqa biex tgħix waħedha. Il-bnedmin huma maħluqin biex jgħixu flimkien u d-dinja hija d-dar ta' kulħadd.<br>• Turi solidarjetà ma' popli li qed ibatu;<br>• Il-ħarsien tal-ambjent ikun valur personali tagħha;<br>• Tifforma parti minn grupp ta' pressjoni/moviment li jaħdem favur il-ġustizzja fid-dinja;<br>• Tkun konxja mill-problemi li għaddejja minnhom id-dinja.<br>*L-istudenti għandhom jagħtu tliet eżempji.* |
| 4 | 2,1,1,1 (5) | **L-istituzzjonijiet** huma dawk l-aġenziji soċjali li għandhom funzjoni partikulari xi jwettqu. L-istituzzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-komunità huma l-familja, l-iskejjel, l-istituzzjonijiet reliġjużi, sportivi fost oħrajn. L-irwol tagħhom huwa li jġibu kooperazzjoni u għajnuna lill-individwi.<br>*L-istudenti għandhom jagħtu tliet eżempji ta' istituzzjonijiet.* |
| 5 | 1,1,1,1,1 (5) | 1. Dritt għall-edukazzjoni; dmir li tistudja.<br>2. Dritt għat-trobbija tajba; dmir li tgħin fejn ikun hemm bżonn.<br>3. Dritt għall-ambjent nadif; dmir li ma tarmix skart bl-addoċċ.<br>4. Dritt għall-vot; dmir li tipparteċipa.<br>5. Dritt għall-opinjoni; dmir li tirrispetta lil ħaddieħor. |
| **TOTAL** | **25** | |

**Taqsima E**

| Mistoqsija | Marki | Tweġibiet<br>*Dawn it-tweġibiet huma biss indikattivi. Kull opinjoni oħra relevanti u valida għandha tkun aċċettata.* |
|---|---|---|
| 1 | 1 | Il-Multikulturaliżmu; Id-Diversità; Il-Kulturi differenti, fost oħrajn. |
| 2 | 2 | **Kultura** hi ġabra ta' elementi li jagħmlu lill-pajjiż uniku u tagħtih sens ta' identità nazzjonali. |
| 3 | 1,1,1,1,1 (5) | Dawn l-elementi huma l-lingwa, l-istorja, id-drawwiet, ir-reliġjon, il-valuri, l-arti u t-teknoloġija.<br>*L-istudenti għandhom jagħtu ħames eżempji.* |
| 4 | 1,1,1 (3) | **Diversità** – kulturi differenti. Eżempji ta' diversità: razez differenti; reliġjonijiet; lingwa; kulur tal-ġilda, fost oħrajn.<br>*L-istudenti għandhom jagħtu żewġ eżempji.* |
| 5 | 2,1 (3) | **Soċjetà aktar inklussiva** tfisser soċjetà li taċċetta lil kulħadd, hu kif inhu. Soċjetà tolleranti li taċċetta l-ideat ta' kulħadd u persuni bi bżonnijiet differenti. |
| 6 | 1,1,1,1 (4) | **Tradizzjonijiet Maltin:** L-ikel bħall-ħobż biż-żejt; il-bigilla, il-galletti u l-ġbejniet; il-festi nazzjonali bħar-Regatta fil-Port il-Kbir, l-Imnarja; il-festi reliġjużi bħal dik ta' Santa Marija, iċ-ċelebrazzjonijiet bħall-Milied u l-Għid il-Kbir, il-quċċija.<br>*L-istudenti għandhom jagħtu erba' eżempji.* |

| | | |
|---|---|---|
| 7 | 2,1,1,1 (5) | Sabiex napprezzaw il-wirt kulturali ta' pajjiżna jeħtieġ li aħna l-Maltin nitgħallmu dwar l-istorja ta' Malta. L-edukazzjoni flimkien ma' aktar programmi fuq il-midja jistgħu jgħinu sabiex il-Maltin japprezzaw aktar l-istorja u titrawwem aktar kuxjenza nazzjonali dwar dan il-patrimonju. Eżempji jistgħu jkunu: ma nagħmlux vandaliżmu; isir ir-restawr fuq il-bini storiku; bini storiku ma jitwaqqax biex jinbnew l-appartamenti jew djar ġodda. |
| 8 | 1,1 (2) | Opportunitajiet indaqs, tolleranza, rispett, ugwaljanza.<br>*L-istudenti għandhom jagħtu żewġ eżempji.* |
| **TOTAL** | **25** | |

**Taqsima F**

Dawn it-tweġibiet huma biss indikattivi. Kull opinjoni oħra relevanti u valida għandha tkun aċċettata.
L-20 marka jitqassmu kif ġej:
17-20: Eċċellenti
13-16: Tajjeb
10-12: Mhux ħażin
0-9: Mhux tajjeb

| Mistosqija | Marki | Tweġibiet |
|---|---|---|
| 1 | 20 | L-istudenti jiddiskutu x'xogħol sar fi proġett li jippromwovi l-paċi u ċ-ċittadinanza globali fl-iskola:<br>• Ekoskola – tagħlim dwar żvilupp sostenibbli, kif jieħdu rwol attiv, deċiżjonijiet favur l-ambjent, kemm fl-iskola kif ukoll fil-komunità lokali u globali.<br>• Dinja Waħda – programm edukattiv li jippromwovi l-ħarsien tal-fawna u l-flora fl-abitat naturali tagħhom.<br>• E-twinning – programm edukattiv online li jgħaqqad skejjel minn pajjiżi differenti. L-istudenti jikkollaboraw u joħolqu ideat ġodda dwar temi kulturali.<br>• Prince's Trust – Dan il-programm jgħin lil żgħażagħ vulnerabbli u żvantaġġati billi jingħatawlhom opportunità li jirnexxu fil-ħajja tagħhom. |
| 2 | 20 | **Is-sanzjonijiet** huma mezz ta' kif tinforza regola jew liġi. Huma mezz ukoll biex jissaħħu l-valuri u n-normi tas-soċjetà. Dawn iżommu lis-soċjetà magħquda flimkien. In-normi huma biss regoli mixtieqa mis-soċjetà, iżda l-liġijiet suppost jirriflettu dawn l-istess valuri tas-soċjetà. Qatt ma jista' jkun hemm konformità totali, iżda s-sanzjonijiet suppost jintużaw biss meta jkun hemm tant nonkonformità li tkun qed tiġi pperikolata l-eżistenza tas-soċjetà nfisha. Dawn qatt m'għandhom jiġu użati sabiex tiġi penalizzata d-diversità jew sabiex jiġu nfurzati l-valuri tradizzjonali. |
| 2 | 20 | It-*tagħlim tul il-ħajja* tfisser li persuna tagħraf li qatt mhi ser tieqaf l-edukazzjoni tagħha u allura tfittex li tkompli tiżviluppa b'xi mod jew ieħor tul ħajjitha kollha permezz tal-qari, korsijiet bħall-*Università tat-Tielet Età*, edukazzjoni informali, attivitajiet sportivi. Illum, minħabba t-tibdil kontinwu fit-teknoloġija, l-individwu jkollu jibqa' jitgħallem. Barra minn hekk, il-midja tilħaq lil kulħadd u twassal informazzjoni ta' natura edukattiva lil kull min jeħtieġha, anki persuni adulti u anzjani. |
| **TOTAL** | **20** | |

**Total tal-karta: 100 marka**